MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 99/2010

**John Pullicino u Golden Harvest Mfg Co Ltd (C176)**

**vs**

**John u Donna konjugi Debono**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna tal-intimati ghall-hlas tas-somma ta’ sebat elef, hames mija u disgha Ewro u ghoxrin centezmu (€7,509.20), liema ammont rapprezentanti prezz ta’ merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata, flimkien ma’ l-imghax mid-data ta’ l-ittra ufficjali

ta’ l-4 ta’ Novembru, 2008, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez ta’ din il-procedura, inkluzi dawk ta’ l-imsemmija ittra, (ref. 4791/08), kontrihom li qed jigu ngunti ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-Nota ta’ Mistoqsijiet tar-rikorrenti sabiex l-intimati iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat, (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment l-intimati naqsu u ma dehrux,
la fit-3 ta’ Novembru tas-sena 2010, meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet, tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimati John u Donna konjugi Debono ihallsu is-somma ta’ sebat elef, hames mija u disgha Ewro u ghoxrin centezmu (€7,509.20);

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif dedotti kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------